MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Numru. 108/2002
Kawza Numru. 1

**Drogi 108/02**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Anthony Mifsud**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Mifsud ta' 37 sena mwieled il-Pieta' fl-24 ta' Awwissu 1974 bin Joseph u Lourdes nee Vella residenti 150 Triq Pinto, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 399974 (M)

Akkużat talli

(a) Fis-26 ta' Ġunju 1998 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data forna jew ippokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-dorga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U iktar talli l-istess data, hin u cirkostanzi

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(c) U aktar talli fl-20 ta' Jannar 1999 u l-ġranet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-imputat.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċeritifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 39999 tas-sena 1974, il-fedina penali nadifa tiegħu, (fol.4), l-Ordni tal-Avukat Ġenrali tal-4 t'April 2002, l-istqarrija tal-imputat a fol.15, id-dokument immakat NCI a fol.18, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda reġistrati quddiem din il-Qorti diversament preseduta (fol 38 u 129) il-ħatra tal-espert is-sur Mario Mifsud sabiex jirrelata magħmula kemm fl-atti tal-Inkjesta (ara fol.78), kif ukoll mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Noel Cuschieri kif konfermata minn din il-Qorti a fol.38 tal-proċess, ir-relazzjoni tal-istess espert a fol.42, il-current incident report a fol.67, il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Micallef Trigona (fol.76) et, id-digriet mogħti minn din il-Qorti dwar il-ħatra ta' espert (fol 108-110) u l-ħatra tal-istess espert a fol.105 ***sabiex jikkonstata l-lok u l-fond indikati mix-xhud Nicholas Taliana fix-xhieda li dan kien ta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti kif jirriżulta mill-Proċes Verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Anthony Micallef Trigona kif ukoll il-lok tal-għalqa kif indikat mill-istess xhud Nicholas Taliana fl-istess xhieda***, u r-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Il-Pulizija kienet infurmata b'overdose ta' ċera Isabelle Camilleri fis-26 ta' Ġunju

1998. Din it-tfajla kieent ma’ ċerta Nicholas Taliana li informal ill-Pulizija li fil-jum imsemmi kien xtara d-droga minn ċertu wieħed minn Ħal-Qormi li jgħidulu Twanny ta’ Nazju. (Fol.10). Kien talab lil dan Twanny nofs gramma u pakkett tat-ten. Dan Twanny kien stieden lil Nicholas Taliana biex imur l-għalqa li kellu bejn **Ħal-Qormi u Ħaż-Żebbuġ** fis-7.30 u dan Twanny kien tah in-nofs gramma. Dan Twanny kellu **Hyundai Accent ħamra**.

6. L-istess Nicholas Taliana kien ta lill-Ispettur karta minn ġo l-organizer li kellu l-istess Taliana fejn fuqha kellu miktub **‘Twanny ta’ Nazju, Qormi 09491254. (fol.10)**
**Din il-karta kienet iffirmata kemm minn Taliana kif ukoll mill-Ispettur u kienet immarkata Dok NC 1.**

7**. Lill-Ispettur kien qed jirriżultalu li l-imputat kein il-bniedem li ndikat Taliana**
**U li l-imputat kien ikkonferma fl-istqarrija li :**

**(a) kellu karozza Hyundai Accent DBE 284; u**
**(b) li kellu l-mobile 09491254**

8. L-Ispettur Norbert Ciappara kien kontro-eżaminat fit-23 ta’ Lulju, 2002 (fol.34) u kkonferma li kien sar jfa bl-identita’ tal-imputat l-għada li kienet irrappurtata l-overdose ta’ Isabelle Camilleri. Huwa qal li l-imputat kien ikun involut fil-kumpnija ta’ persuni oħra nvoulti fit-traffiakr tad-droga. F’dawk is-sitt xhur l-Ispettur kien baqa’ għaddej bl-investigazzjonijiet. Huwa kien ressaq lill-imputat fuq provi li ien fi proċeduri kriminali oħra ( u hawn kien qed jirreferi għall-Proċess Verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Anthony Micallef Trigona kif spjega waqt it-trattazzjoni).

**L-Istqarrija tal-imputat**

9. L-imputat fl-istqarrija tiegħu kkonferma **li n-numru tal-mobile tiegħu kien 09491254 (fol.15)** ;

**Li l-Karozza Hyundai Accent bin-numru DBE 284 kienet ta' missieru iżda kien jużaha hu (fol.16);**

Li ż-żerriegħa li kient instabet fil-kamra tiegħu kienet tiegħu għax hu dejjem irabbi l-għasafar; (fol.16)

Li missieru kellu għalqa fi Mdina Road fit-Triq li minn Ħal-Qormi tgħaddi għal Ħaż-Żebbuġ (fol.16) u li f'din l-għalqa **kien jitla' kull jum biex jagħlef il-bhejjem u li kien ikun hemm wara nofs in-nhar waqt li fis-sajf kien jitla' għall-ħabta a-sitta ta' filgħaxija.**

Huwa ċaħad li qatt kien kkultiva l-cannabis.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni.**

10. Xehed PS 1086 Johan Micallef u qal li mit-tfittxija li saret f'dar l-imputat, fil-kamra tas-sodda tiegħu. kienet instabet xi żerriegħa tal-qanneb imxerrda fuq il-wiċċ tal-kommodina. F'kexxun kien hemm kaxxa sulfarini b'kontenut suspettat tal-qanneb.

11. PS 1057 Mario Cuschieri xehed li minnn investigazzjoni kien irriżulta li Nicholas Taliana kien il-boyfirend ta' Isabelle Camilleri li kienet iddaħħlet b'overdose. Mill-karozza ta' Nicholas Taliana kienet elevata nofs gramma droga li aktar kmieni kien xtara minn għand ċertu Twanny Mifsud magħruf bħala Nazju minn Ħal-Qormi.(Fol.25). Imbaħgad fl-20 ta' Jannar 1999 kienet saret tfittxija fid-dar tal-imputat minn fejn kienu elevati l-oġġetti msemmija aktar 'il fuq fil-paragrafu 8. L-imputat kien qal li kellu xi għasafar u kien jagħtihom din iż-żerriegħa.

12. Imbagħad l-istess xhud qal li kien marru Mdina Road u mir-razzett tal-imputat kienu elevaw sikkina minn fuq il-mejda li kellha sinjali ta' ħruq fuqha. **Nicholas Taliana kien uriehom ukoll fejn kien ir-razzett tal-imputat fejn**

**hemm fabbrika tal-irħam inti u tiela' Ħaż-Żebbuġ. (Fol.28)**

13. Xehed ukoll PC 1473 Simon Deguara li kkonferma li kienet saret tfittxija kemm fid-dar tal-imputat kif ukoll fir-razzett (tiegħu) u rrefera għall-istess affarijiet li kienu elevati u msemmijin diġa' aktar 'il fuq.

14. Mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mifsud kif ikkonfermata bil-ġurament jirriżulta a fol 42 jirriżulta li ċirka 1% taż-żerriegħa tal-cannabis li kien hemm fid-dokument 03 ADE 01 kienet ġerminabbli (fol.46).

15. Xehed Nicholas Taliana li qal li peress li kien għadda ħafna żmien ma setax jagħraf lill-imputat. (Fol.56). Imbagħad xehed li hu u t-tfajla tiegħu kienu niżlu ħdejn l-iskola ta' Ħal-Qormi u xi ħadd indikalu li ċertu Twanny ta' Nazju seta' jaqdih. Kien sab lil dan Twanny u qallu sabiex **jitla' l-għalqa bejn Ħaż-Żebbuġ u Ħal-Qormi fis-sebgħa u nofs. Hemm qdieh u telaq. Tah nofs gramma u pakkett. Ħdejn l-għalqa hemm fabbrika tal-mużajk jew granit jew xi ħaġa hekk. (fol.58).**

**16. Ix-xhud għaraf id-dokument NC 1 bħala tiegħu u kkonferma li hemm miktubin 'Twanny ta' Nazju Qormi u n-numruy 09491254.**

**17. Huwa ftakar ukoll li l-karozza kienet Hyundai. (fol.60) u li din kienet XL Accent.**

**18. Lix-xhud il-Qorti widdbitu biex iħares fin-nofs ukoll u mhux fil-ġenb biss kif kien qed iħares. (Fol.60).**

19. Xehed PS 160 Mario Mifsud li qal li fis-26 ta' Ġunju 1998 kienu infurmati minn Dr.S.Cilia tal-Qormi Health Centre li xi kwarta qabel kien għadu kif ra lil Isabelle Camilleri li kienet dħalet mitluf minn sensiha. Din kienet intbagħtet għal aktar medikazzjoni fl-Isptar Saint Luke's

wara li kienet ingħatat antidose biex tkun stabillizata għax kienet għadha kif ħadet l-eroina. Isabelle Camilleri kienet qalet lill-Pulizija li l-eroina kienet xtatha minn għad raġel li ma kenitx tafu. Lil dan kienet iltaqgħet miegħu fuq tal-linja u kienet ħallset Lm10. Mill-karozza tal-boyfriend tagħha Nicholas Taliana CBF 345 kienu elevaw sachet. (Fol.65)

20. Xehed ukoll Christopher Darmanin, rappreżentant tad-Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet li kkonferma li l-karozza ta' għamla Hyunadai Accent DBE 284 kienet ta' Joseph Mifsud ta' 150 Triq Pinto Qormi. Kienet ilha fuq ismu mit-22 ta' Mejju 1998.

**Il-Proces Verbal Redatt Mill-Maġistrat Dr.Anthony Micallef Trigona**

21. Minn dan il-proċess jirriżulta li l-espert forensiku mqabbad mill-Maġistrat kien ikkonferma bil-ġurament (17 ta' Novembru 1998) li d-droga elevata mill-Pulzija mill-karozza ta' Nicholas Taliana kien fiha 0.531 grammi ta' eroina. (Fol.90)

22. Jirriżulta wkoll li l-istess Nicholas Taliana kien għamel stqarrija fis-27 ta' Ġunju 1998 fil-11.26 am li fil-jum ta' qabel (jiġifieri fis**-26 ta' Ġunju 1998**) għall-ħabta tas-6.30 pm. Kien mar jixtri d-droga minn għand

*'ċertu Twanny minn a-Qormi li joqgħod tal-Vitorja li joqgħod xi erba' bibien 'l fuq mix-Shooters Club fid-direzzjoni ta' Ħaż-Żebbuġ. Meta mort għand Twanny jien tlabtu nofs gramma u pakkett ta' ten u hu qalli li ma kellux iżda jekk irrid nixtri kelli mmur l-għalqa tiegħu għal ħabta tas-sebgħa u nofs.* ***Għandi ngħid li l-għalqa ta' Twanny tinsab bieb ma' bieb mal-fabbrika tal-mużajk li tinsab f'Imdina Road Żebbuġ.***

*Omissis*

***Meta wasalt l-għalqa ta' Twanny jiena pparkjajt il-karozza tiegħi wara l-karozza ta' Twanny li hi tal-marka Hyundai Accent.***

*Omissis*

***Hemm jiena minn għand Twanny xtrajt nofs gramma eroina u pakkett ta' għaxar liri eroina. Nixtieq ngħid li dan Twanny għandu laqam ta' 'Nazju'. Minn ħdejn l-għalqa** ta' Twanny jiena u Isabel morna l-Clinic ta' Ħal-Qormi u jiena dħalt inġib żewġ siringi . Minn hemm erġajna morna d-dar ta' Isabel sabiex iġġib il-borża tas-citric acid.*

*Mis-Siġġiewi jien soqt lejn l-inħawi ta' Trupna limitit ta' Ħaż-Żebbuġ San Blas u wara li waqaft ġo sqaq jein sajjart il-pakkett tat-ten li kont xtrajt minn għand Twanny. Hemm jiena u Isabel ħadna siringa kull wieħed u jien ġbidt 90 u Isabel niftakr li ġibdet anqas minn 30. Hekk kif jiena njettajt l-eroina niftakar li ħassejt għoqla fi griżmejja u ma stajt nitkellem. Ippruvajt naħgmel sinjal lil Isabel sabiex ma teħodhiex iżda din ma ndunatx u ħaditha. Hekk kif ħaditha jien rajt lil Isabel tbiddel il-kulur, saret vjola u bdiet qisha ħierġa rawha minn ħalqha.*

*Omissis*

*Il-karozza tiegħi hija Toyota Tercel li għandha n-numru CBF 345.*

*Omissis*

***Il-qartas tal-karti li nstab mill-Pulizija ġewwa l-karozza tiegħi hu tiegħi u hu l-istess qartas li jien kont xtrajt minn għand Twanny ta' Nazju. (fol.83 u 84)'***

**Xhieda tal-Perit Valerio Schembri**

23. L-inkarigu li ngħata l-Perit kien sabiex jikkonstata l-lok u l-fond indikati mix-xhud Nicholas Taliana li hu ta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti kif ukoll il-lok tal-għalqa kif indikat mill-istess xhud Nicholas Taliana fl-istess xhieda. (Fol.105). (Ara wkoll ir-relazzjoni tal-espert a fol.4). Kienu preżenti l-imputat kif ukoll l-avukat difensur tiegħu.

Skond din ir-relazzjoni:

(a) Il-pjanta tirrispekkja s-it kif kien fl-1998 u cioe' fi żmien meta saret l-istqarrija ta' Nicholas Taliana;

(b) Dok QRM 01 sa QRM 03 (tliet ritratti) juru l-fabbrika bl-isem 'G.Spiteri Tiles Granite Marble Works Limited'. Din il-fabbrika ġiet deskritta minn Nicholas Taliana bħala 'fabbrika tal-mużajk li tinsab f'Imdina Road Żebbuġ.'

(ċ) Dok QRM 04 sa QRM 06 u cioe' tleit ritratti juru r-razzett u l-għalqa li jagħmel referenza għalihom Nicholas Taliana fl-istqarrija tiegħu.'

Fil-kontro-eżami l-Perit Valerio Schembri qal li l-art indikata fir-relazzjoni kienet indikata mis-surġent. Huwa qal ukoll li hem mil-fabbrika tal-madum. Hemm l-għalqa u r-razzett li ndikawli. (Fol.133). Huwa qal ukoll:

***'Jien li kelli naħgmel kien naqbad l-istatement li kien qal Nicholas Taliana lill-Ispettur, naqbad lilu u ninterpetah.'***

Huwa wieġeb ukoll li Nicholas Taliana ma kellux ikun preżenti għall-aċċess. (Fol.134).

Għal mistoqsija oħra huwa wieġeb hekk:

'Meta ngħid fabbrika tal-mużajk, l-unika fabbrika li hemm xi ħaġa taqabel ma' mużajk jew artijiet hija dik il-fabbrika li hemm fir-ritratt.'

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

24. Fit-trattazzjoni tagħha d-difiża qanqlet dawn il-punti:

(i) Li l-imputat kien investigat 7 xhur wara.
(ii) Li kulma nstabet fil-kamra tas-sodda tal-imputat kienet żerriegħa tal-qanneb;
(iii) Li fid-depożizzjoni ġuramentata li ta Nicholas Taliana imkien ma jissemma nnumru tat-telefon.
(iv) Li x-xhud Nicholas Taliana qal diversi drabi li hu ma kienx għaraf lill-imputat.

(v) Li Nicholas Taliana ma kienx preżenti għall-aċċess li sar mill-Perit Valerio Schembri u li dan qagħad fuq l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Pulizija
(vi) Li l-Pulizija ma tellgħetx tixhed lil Isabelle Camilleri.
(vii) Li konsegwentement m'hemmx provi li l-imputat ta d-droga lil Nicholas Taliana.

25. Il-Qorti ser tqis dawn l-oġġezzjonijiet seriatim.

26. L-ewwelnett il-fatt li l-Pulizija 'ddum' biex tinvestiga persuna ma jfissirx li hemm xi nuqqas ta' provi. Effettivament il-Prsoekuzzjoni wieġbet għal din is-sottomissjoni billi qalet li l-investigazzjonijiet ma kinux waqafu mill-bidunett tar-rapport tal-inċident. Il-Prosekuzzjoni tmexxi jekk għandi l-provi fidejha u mhux qabel.

27. Dwar it-tieni sottomissjoni din ser tkun ittrattata meta l-Qorti tgħarbel jekk it-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-imputat. Iżda l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ssibx affarijiet relatati mad-droga meta tagħmel it-tfittxija ma jfissirx li ma tkunx saret tal-pussess jew tal-pussess aggravate jew tal-ispaċċjar.

28. Dwar id-depożizzjoni li ta Nicholas Taliana, il-Qorti, hekk kif beda jgħaddi l-ħin fuq il-pedana, aktar bdiet tinduna kemm dan ix-xhud kien qed ikun sellettiv fix-xhieda tiegħu u li mhux tassew li ma kienx qed jiftakar lill-imputat. **Waqt li qed tinkiteb din is-sentenza, il-Qorti għadha tiftakar lil dan ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda jdawwar għajnejh ma' kull rokna tal-Awla barra fid-direzzjoni tal-imputat. Kien għalhekk li l-Qorti kellha tiġbidlu l-attenzjoni li kien qed iħares lejn il-ġnub u mhux fid-direzzjoni tal-imputat. Huwa kien qed jgħid il-verita' biss meta kien dahru mal-ħajt bħal meta intwera d-dok NC 1 li kien meħud mill-organiser tax-xhud stess u li kellu fuqu n-numru lit a l-istess imputat lill-Pulizija. Ftakar x'tip ta' karozza kellu l-imputat, li kien amr bejn Ħaż-Żebbuġ u Ħal-Qormi fejn hemm fabbrika tal-mużajk jew granit kif ukoll it-tip ta' karozza li kellu l-imputat – Hyundai XL – fol.60 u 61. Il-Qorti qed temmen dak li qal dan ix-xhud fl-istqarrija**

**ġuramentata (Ara dwar dan il-każ 'Camilleri versus Malta' deċiż mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (sena 2000) fejn kien stabbilit li ma kien hemm xejn ħażin li l-Qorti temmen ix-xhieda ġuramentata u mhux dik fuq il-pedana tax-xhieda). Il-Qorti mhix temmen li dan ix-xhud m'għarafx lill-imputat. Kif ser jintwera aktar 'l isfel, il-Prosekuzzjoni xorta ġabet provi konvinċenti oħra minkejja li dan ix-xhud, meta kien fuq il-pedana tax-xhieda, għażel li jgħid li ma għaraftx lill-imputat. L-għarfien tal-imputat mhux l-uniku mod kif issir prova fil-proċedura kriminali.**

29. Ir-raba' sottomissjoni- in-nuqqas ta' preżenza ta' Nicholas Taliana waqt l-aċċess tal-Perit Valerio Schembri – hija għal kollox insostenibbli. Dan ma kellux għalfejn jersaq waqt l-aċċess li għalih kienu preżenti l-imputat u l-avukat difensur li ma qajmu ebda punt dwar dan waqt l-aċċess. Ukoll kieku qajmu dan il-punt, ma kienx ikun hemm loku għaliex l-mansjoni tal-Perit kienet li jaqbad l-istqarrija ġuramentata u jixmi magħha. Imdina Road Żebbuġ waħda hawn u, kif xehed l-istess Perit, it-tip taġ fabbrika msemmija mix-xhud Nicholas Taliana wħada hemm f'dawk l-inħawi. Il-fatt li saret indikazzjoni tal-post minn PS 1086 Johann Micallef ma jneħħi xejn mill-mertu tar-relazzjoni. Is-surġent seta' ħa lill-Perit Valerio Schembri u dan kien jirrelata jekk dak li sab keinx jaqbel jew le mad-deskrizzjoni **fix-xhieda ġuramentata**. Kieku l-Perit sab xi ħaġa bil-maqlub jew m'għandhiex x'taqsam kien jirrelata u jixhed li dak li sab ma kienx jaqbel ma' dak li stqarr Nicholas Taliana fix-xhieda ġuramentata. Bl-ebda mod ma jista' dan jitqies bħala hearsay evidence għaliex il-konklużjonijiet ta' qbil jew le mal-istqarrija ġuramentata huma fl-aħħar mill-aħħar tal-Perit u mhxu ta' x'qallu PS 1086 Nicholas Taliana.

30. Dwar il-ħames sottomissjoni tad-difiża – li l-Pulizija ma tellgħetx tixhed lil Isabelle Camilleri – m'hemmx għalfejn wieħed jipperora fit-tul. Il-Prosekuzzjoni ttella' x-xhieda u d-dokuemntazzjoni li jidhrilha relevanti għall-każ in eżami. Il-Prosekuzzjoni kienet taf bix-xhieda ġuramentata ta' Nicholas Taliana u li din kienet ukoll biżżejjed. Jekk id-

difiża ħasset il-ħtieġa li ttella’ lil din ix-xhud, setgħet tablet lill-Prosekuzzjoni beix ittellagħha in difeża.

31. Id-difiża tissommetti li m’hemmx prova biżżejjed kontra l-imputat. Il-Qorti ma taħsibx hekk. Hemm wisq elementi li jorbtu flimkien.

32. L-ewwel hemm in-numru tat-telefon li kien ikkonfermat bil-ġurament quddiem il-Qorti meta intwera l-karta mill-organiser tiegħu. Dan in-numru huwa kkonfermat mill-istess imputat fl-istqarrija tiegħu. Il-fatt li dan in-numru ma ssemmiex fl-istqarrija ġuramentata ma jfissirx li dan in-numru ma kienx ippruvat bħala dak tal-imputat. L-istqarrija ġuramentata mhix l-uniku fonti ta’ prova f’dan il-proċess.

32. It-tieni hemm it-tip ta’ karozza. Ix-xhud Nicholas Taliana (a) ikkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti; (b) kkonfermaha bil-ġurament meta kien fuq il-pedana tax-xhieda; (ċ) u l-istess karozza toħroġ mill-istqarrija tal-imputat li semma l-istess tip ta’ karozza, li qal li kienet ta’ missieru (kif jidher mir-records uffiċjali) u li hu jkun biha.

33. It-tielet hemm l-identita’ tal-post minn fejn inxtrat l-eroina. L-imputat stess fl-istqarrija tiegħu jgħid li din hi ta’ missieru, li din tinsab f’Imdina Road ħdej il-fabbrika tal-Madum inti u sejjer lejn Ħaż-Żebbuġ minn Ħal-Qormi u li f’din il-għalqa jitla’ kull jum. Fis-sajf jitla’ għall-ħabta tas-6.00 pm. Ix-xhud Nicholas Taliana jagħti l-istess dettall fix-xhieda ġuramentata tiegħu (a fol.83) fejn isemmi l-fabbrika tal-mużajk li tinsab f’Mdina Road Żebbuġ. L-istess xhud reġa’ kkonferma dan fuq il-pedana tax-xhieda. Fl-aħħarnett l-istess post kien ikkonfermat fir-relazzjoni u fix-xhieda tal-Perit Valerio Schembri.

34. Ir-raba’ d-data mogħtija minn Nicholas Taliana fix-xhiea ġuramentata hija dik tas-26 ta’ Ġunju, 1998 li taqbel mal-jum li fih iddaħħlet Isabelle Camilleri issofri l-overdose kif ukoll mad-data li hemm indikata fl-imputazzjoni.[1]

[1] Fis-26 ta’ Ġunju 1998 u t-tliet xhur ta’ qabel.

35. Il-ħames it-tip ta’ droga msemmija li nxtrat minn Nicholas Taliana hija l-istess tip ta’ droga konstatata mill-Ispiżjar Mario Mifsud fl-atti tal-inkjesta.

36. Is-sitta l-ammont ta’ droga eroina jabel ma’ dak li xehed l-istess Nicholas Taliana fl-istqarrija ġuramentata (nofs gramma eroina fol.83), ma’ dak li xehed l-istess Nicholas Taliana a fol.58 mill-pedana tax-xhieda u ma’ dak konstatat mill-Ispiżjar Mario Mifsud (0.531)(fol.90). Din id-droga nġabret mill-ewwel mill-karozza ta’ Nicholas Taliana li fix-xhieda ġuramentata qal li kienet tiegħu u li kienu kif xtraha minn għand Twanny ta’ Nazju. (fol.84).

37. Skond ir-regoli matematiċi tal-probabilita’, ma jkollokx sitt elementi f’daqqa li jorbtu flimkien b’mod faċli. Fil-fatt d-denominator f’formula bħal din wieħed lanqas biss jazzarda jsemmih. U dawn ir-regoli m’għandhomx x’jaqsmu ma’ prova ona basis of probability li wieħed jorbot ma’ proċeduri ċivili. Dawn ir-regoli huma eżatti daqs meta wieħed jgħid li ‘l-exterior angle of a triangle is equal to the sum of the opposite interior angles’ jew li ‘the angle of the centre is twice that at the circumference.’ Jiġifieri jekk wieħed jaqbad żewġ dadi u jitfagħhom flimkien, iċ-ċans li t-tnejn itellgħu n-numru 1 huwa 1 minn 36 u ***dan hu riżultat matematiku preċiż***.

***38. F’dan il-każ is-sitt provi (par.32 sa 36), meħudin kollha f’daqqa, huma prova qawwija biżżejjed u li ma tħalli l-ebda dubju f’moħħ din il-Qorti li kien l-imputat li biegħ id-droga eroina fid-data msemmija lil Nicholas Taliana u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel żewġ imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda.***

39. Dwar it-tielet imputazzjoni din ma ġietx ippruvata kif jidher mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol.42 u l-Qorti qed tillibera lill-imputat minnha.

40. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tar-regolamenti 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u t-Tielet Skeda tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta issib lill-imputat ħati

tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

41. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għandu fedina penali netta kif ukoll li kien hemm xi ftit tad-dewmien biex tressaq il-każ. Dwar id-dewmien fil-proċeduri, jidher li kien hemm drabi li l-imputat ma deherx.

42. Għaldaqstant il-Qorti, wara li kkonsidrat dan kollu, qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €466 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro fix-xaħar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

43. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-perizja magħmula mill-Perit Valerio Schembri biss li tammonta għal € 451.06 (Lm193.64).

44. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 għall-ħatra tal-espert Mario Mifsud fl-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006 u lanqas għal dik magħmula fil-mor tal-kawża għaliex l-imputat kien meħlus mill-imputazzjoni li għaliha nħatar l-espert.

45. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------